# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1597/00**

**Numru 48**

**Elmo Insurance Agency Ltd**

**vs**

**Joseph sive Joe Ciscaldi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin lira Maltin tmienja u disghin centezmi (Lm385.98) dovuta lis-socjeta' attrici bhala premium fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga minnha favur il-konvenut u dana skond l-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali interpellatorja tad-29 ta' Settembru 2000 (Dok B) u bl-imghax tat-8% fis-sena mit-30 ta' Settembru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li art l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm385.98,0 bl-imghax legali mis-16 ta' Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali interpellatorja tad-29 ta' Settembru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg